MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2272/2000/1

**Carmelo sive Nenu Aquilina**

**vs**

**Eusebio Buhagiar, Joseph Camillieri u Tabib Dr. Kalcidon Zammit u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2005. Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Victor Bugeja gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Dr. Kalcidon Zammit li miet fil-mori tal-kawza**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi nhar il-Hamis, 5 ta' Ottubru 2000 il-konvenuti wahlu *Poster* (Dok A u Dok B) fuq il-fond "Central Beauty Spot'', Pjazza San Nicola, Siggiewi, taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku billi uzaw il-kelma fost ohrajn "jberrbqu flus il-poplu'' u "Dawn huma l-istess nies li l-progett bazwi u ta' bini li qieghed isir f'Ghar Lapsi u pastazati li hemm ma jafux u hallew kollox itir mar-rih. Dawn huma nies ta' edukazzjoni kbira u anke lesti li jisparparljaw aktar flus ivvutati ghall-progetti ohra (holma), li l-Kunsill ghandu.'',

Peress illi fil-*poster* in kwistjoni l-konvenuti kitbu l-indirizz u numru tat-telefon ta' l-attur, bil-ghan li n-nies jibdew icemplu lill-attur u jmorru d-dar tieghu biex jaghmlu l-ilmenti taghhom dwar is-sistema tal-Gwardjani Lokali fil-Lokalita' tas-Siggiewi u b'hekk tpoggew fil-periklu car u manifest lill-attur u l-familja tieghu.

Peress illi bhala l-parti offiza huwa ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-artikolu 28 ta' Att dwar l-Istampa;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti permezz tal-kitba fuq il-poster li tpogga fuq il-fond Central Beauty Spot, Pjazza San Luqa, Siggiewi, taw malafama lill-attur billi attribuewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

2. tillikwida s-somma (li ma teccedix is-somma ta' hamest elf lira Maltija (Lm5,000) dovuta lill-attur bhala danni, u dan ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa;

3. tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu dik is-somma kif tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.

4. tordna immedjatament it-tnehhija tal-*poster* li tpogga fuq il-fond Central Beauty Spot, Pjazza San Nikola,

Siggiewi u tinibixxi l-konvenuti milli jippubblicizaw l-indirizz u t-telefon ta’ l-attur;

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax skond il-Ligi kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur Carmelo sive Nenu Aquilina a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Eusebio Buhagiar** a fol.16 tal-process fejn eccepixxa:-

1. illi preliminarjament l-attur la huwa identifikat u lanqas ma hu identifikabbli.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-kitba lamentata fiha fatti veri li l-eccipjent lest jipprova - *exceptio veritatis*;
3. illi riferibbilment ghat-talba maghmula sabiex il-konvenut jigi inibit jippubblika l-indirizz u t-telefon ta’ l-attur, il-konvenut jeccepixxi l-insostenibilita’ legali ta’ din it-taba billi fl-ewwel lok si tratta ta’ numri u ndirizzi li gja huma fil-*public domain* u fit-tieni lok illi din it-talba ma tistax tifforma parti minn citazjoni kif maghmula (libell) izda *se mai*, ghandha tifforma parti minn proceduri legali *ad hoc*.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri** a fol. 29 tal-process fejn eccepixxa :-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur stante illi:

a. illi l-kontenut tal-poster in kwistjoni bl-ebda mod ma huwa malafamanti jew b’xi mod jattrribwixxi fatti determinanti bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur Sindku tar-rahal tas-Siggiewi.

b. illi l-fatt reportati fil-poster in kwistjoni, meta jigu valutati fil-kuntest globali taghhom, u fil-kuntest tal-fatt illi kemm il-konvenut, li huwa kunsillier, kif ukoll l-attur, li huwa Sindku, huma figuri pubblici, jinkwadraw ruhhom fl-

ezercizzju, da parti tal-konvenut tad-Dritt Fundamentali ta' l-Espressjoni, liema dritt huwa salvagwardjat mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

c. illi numri tat-telefon u l-indirizz ta' l-attur bl-ebda mod ma jikkostitwixxi malafama jew b'xi mod joffendi l-unur u l-fama ta' l-attur stante li din hija nformazzjoni pubblika, u ghaldaqstant, il-konvenut m'ghandux jigi ordnat li jnehhi, jew b'xi mod iehor inibit milli jippubblicizza l-indirizz u t-telefon ta' l-attur.

In vista tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri..

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut it-Tabib Dr. Kalcidon Zammit a fol. 40** tal-process fejn eccepixxa:-

1. illi dak li nkieb hu semplici "*value judgement*", li permess li jsir f'socjeta' demokratika li thaddan il-liberta' tal-espressjoni u tal-kelma,

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-digriet a fol 116;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' l-attur u ta' Joseph Camilleri;

Rat li ma saret ebda talba ohra ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed joggezzjona ghall *poster* bi kliem kontra tieghu li twahhal fuq proprjeta' tal-konvenut Joe Camilleri. Fuq dan il-post jidher l-isem ta' Joe Camilleri, Eusebio

Buhagiar u Dr. Kalcidon Zammit. Fil-*poster* hemm imnizzel l-isem komplut ta’ l-attur, bl-indirizz u n-numru tat-telefon tieghu. L-attur hassu ingurjat fil-parti fejn jinghad li hu persuna ta’ edukazzjoni kbira u li lest li jisparpalja aktar flus u dana billi il-qarrej ordinarju jifhem li kienu qed isiru abbuzi fil-Kunsill imexxi minnu cjoe li kien qed jonfoq aktar flus milli l-Kunsill kellu u dana fuq progetti li kienu holm biss. Il-konvenuti b’hekk qed jimplikaw lilu b’reat kriminali ta’ misapproprjazzjoni u l-intenzjoni kienet li jhammguh ftit qabel l-elezzjoni tal-kunsill lokali tas-Siggiewi. Il-*poster* twahhal quddiem il-Knisja tas-Siggiewi fil *weekend* meta jmorru hafna nies il-Knisja u b’hekk ikunu jistghu jaqrawh. L-attur insista li fil-perjodu tad-Sindikat tieghi l-Kunsill qatt ma kellu problemi finanzjarji. Kwantu ghall *petrol* li ssemma fil-*poster* dan dejjem ittiehed skond il-Ligi u bl-approvazzjoni ta’ l-istess Kunsill permezz ta’ votazzjoni.

Il-konvenuti jsostnu li l-*poster* in kwistjoni bl-ebda mod ma huwa malafamanti imma jirreferi ghall votazzjoni li ttiehdet fil-Kunsill Lokali tas-Siggiewi dwar jekk l-istess Kunsill kellux jingagga gwardjani lokali jew le. Huma kienu kontra dina l-proposta minhabba l-ispiza li kienet tinvolvi. Il-*poster* jikkontjeni fatti veri u reali li huma hassew li kellhom igibu a konjizzjoni tar-residenti tal-lokal. Huma hassew li kellhom isemmu wkoll fatti ohra li kienu graw fil-Kunsill fuq liema ma kienx hemm qbil. Bhala figuri pubblici hassew li dawk kienu decizjonijiet hziena, li ma qablux maghhom, u li ghalhekk kellhom jinfurmaw il-pubbliku dwarhom. L-ghan taghhom fil-*poster* kien li jikkritikaw dawn id-decizjonijiet li ittiehdu mis-Sindku qua Sindku u l-membri l-ohra tal-Kunsill li semmew ukoll fil-*poster* bl-isem u indirizz bhas Sindku.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Eccezzjonijiet**

**Identifikabbli**

Il-konvenut Eusebio Bughagiar qed jeccepixxi li l-attur la huwa identifikat u lanqas ma hu identifikabbli.

“Hu principju dottrinali illi l-persuna milquta bil-kliem inkriminat tista’ tkun jew accertata jew accertabbli; u hu bizzejjed li l-provi juru li dawk il-kliem jirriferixxu ghall-kwerelant, ghalkemm dan ma jkunx gie imsemmi b’ismu. U ma jistghax jigi favorevolment mismugh il-kwerelat filli jaghti l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ identifikazzjon tal-kwerelant, meta huwa stess, fil-kors tal-gudizzju jaccetta li r-riferenza kienet ghall kwerelant”. **Rev. Fr.Leopoldo vs Perit D.Mintoff App Krim Inf. 23.6.1962.**

“Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x’kienet l-intenzjoni ta’ l-artikolista jew x’kellu f’rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f’mohhu dik il-persuna kinitx jew le indentifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta’ l-artikolu jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta’ l-attur. Dana b’mod naturali u minghajr processi kumplikati ta’ eliminazzjoni jew analizi xort’ohra. Dan ukoll b’certu grad ta’ certezza. Mhux bizzejjed allura li jidhol id-dubbju li forsi setgha jkun li l-artikolu qed jirreferi ghalih ukoll jew forsi le. **(App. A. Farrugia vs J. Fava 15.1.97).**

Fil-kaz in ezami mhux biss l-attur jissemma b-ismu, bl-affiljazzjoni politika tieghu izda wkoll bl-indirizz u bin-numru tat-telfon tieghu. Inoltre fil-kors tal-kawza l-konvenuti ma hallew ebda dubbju li huma kienu qed jirreferu ghall attur li kien is-Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi fil-perjodu nkwistjoni u li riedu jgibu ghall attenzjoni tal-pubbliku dak li kien qed isir meta l-attur kien Sindku.

***Exceptio veritatis***

Il-konvenuti qed jeccepixxu inoltre li l-kitba lamentata fiha fatti veri u li huma lesti li jippruvaw l-verita tal-fatti.

Skond l-awtur Gately On LIbel and Slander - 8th Edition pagna 1105: "*If the defendant intends to justify, he must raise a plea of justification in his defence. A defendant should never place a plea of justification on record unless he has clear and sufficient evidence of the truth of the imputation; for failure to establish this defence at the trial may properly be taken in the aggravation of damages*".

Illi fil-kaz in ezami l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova li l-flus li gew votati fil-Kunsill ma gewx investiti fi progetti li gew approvati minnu. Il-konvenuti semmew diversi progetti li huma ma qablux maghhom izda ma gabux prova li l-attur kien qed jahli l-flus il-poplu jew jabbuza mill-kariga tieghu biex jaghmel progetti inutili. Anzi kien l-attur li gab provi li kull ma sar kien bl-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. Victor Rizzo xehed li kien sar rapport meta l-attur kien Sindku dwar *reimbursement of expenses* u fuq sparparjar ta’ flus fuq progetti fittizji izda mill-investigazzjonijiet li saru ma rrizulta xejn li kien ta’ natura kriminali. Guze Mangion – awditur tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi - xehed li ma rrizultalux li kien hemm xi tahwid fil-flus meta l-attur kien Sindku u lanqas ma sar xi progett li ma kienx approvat mill-Kunsill. John Vella, Segretarju tal-Kunsill xehed li matul iz-zmien ta’ l-attur bhala Sindku, l-Kunsill nefaq il-flus skond il-proceduri stabbilti u l-progetti saru skond id-decizjoni tal-Kunsill.

Illi l-onus tal-prova kien jaqa’ fuq il-konvenuti u billi huma ma gabu l-ebda prova fuq dak li allegaw u li kitbu dwaru fil-*poster* ma jistax ikun hemm *fair comment* meta l-fatti li fuqhom ikkummentaw lanqas biss gew pruvati. Lanqas ma kien *value judgement*.

Dina l-konkluzzjoni ghalhekk tapplika wkoll ghall l-eccezzjoni tal-konvenut Camilleri li eccepixxa li l-fatti reportati fil-*poster* in kwestjoni, meta jigu valutati fil-kuntest globali taghhom, u fil-kuntest tal-fatt illi kemm il-konvenut, li huwa kunsillier, kif ukoll l-attur, li huwa Sindku, huma figuri pubblici, jinkwadraw ruhhom fl-ezercizzju, da parti tal-konvenut tad-Dritt Fundamentali ta’ l-Espressjoni, liema dritt huwa salvagwardjat mill-

Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Illi konsistenti ma' dak li nghad aktar qabel kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi.

**Malafama**

L-attur qed joggezzjona principalment ghall fatt li fil-*poster* hu jissemma b'ismu li kien qed jisparpalja flus in-nies billi kienu qed isiru abbuzi fil-Kunsill imexxi minnu fejn kienu qed jonfqu flus mill-Kunsill fuq progetti li kienu holm jew inezistenti.

Fil-poster jissemma testwalment fost affarijiet ohra:

*Is-Sindku u l-Kunsilliera l-ohra … bi skuza ta' nedukaw il-poplu ghogobhom li jkomplu jberrbqu flus il-poplu ……*

*Dawn huma nies ta' edukazzjoni kbira u anki lesti li jisparpaljaw aktar flus ivvutati ghall-progetti ohra (holma)…… Ara fol 6/8.*

Illi fil-kaz in ezami l-malafama qeda fil-kliem li ntuza fil-*poster* li mar oltre s-semplici kritika dwar politika u xogholijiet li saru fil-lokalita'. Il-konvenuti qed jimplikaw li ma kienu qed jigu investiti flus xejn u li kien hemm misapproprjazzjoni ta' fondi pubblici cjoe li qed jigi kommess reat kriminali. Ghalkemm ma jintuzawx espressament dawn il-kliem l-intendiment huwa dak u dak hu li jifhem il-qarrej ordinarju. L-istess meta jinghad li l-attur kien qed jiehu mijiet ta' liri fis-sena ghall petrol.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw il-fatti li huma attribwew lill attur li kien qed jisparparlja u jberbaq flus il-poplu f'progetti holma u b'hekk huma mmalafamaw lill attur.

Jirrizulta li fuq il-*poster* hemm l-isem tat-tlett konvenuti u ghalhekk jidher li dan gie abbozzat kollettivament. Ma jirrizultax li f'xi stadju xi wiehed mill konvenuti ddistakka

ruhhu minn dak li hemm imnizzel fil-*poster* li jgib isimihom. Ghalhekk it-tlieta li huma ghandhom iwiegbu ghall-malafama.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tiddikjara li l-konvenuti permezz tal-kitba fuq il-*poster* li tpogga fuq il-fond Central Beauty Spot, Pjazza San Luqa, Siggiewi, taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

tillikwida s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala dovuta lill-attur bhala danni, u dan ai termnini l-Att dwar l-Istampa;

tikkundanna lill-konvenuti solidalment biex ihallsu s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

tordna (jekk hu l-kaz) it-tnehhija tal-*poster* li tpogga fuq il-fond Central Beauty Spot, Pjazza San  Nikola, Siggiewi.

Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------